MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 14/2006

**John Vella - ID 351080(M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku, l-Avukat Generali u b'digriet tal-1 ta' Frar 2007 giet kjamata fil-kawza Dorianne Vella**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' John Vella li fih gie premess:-

Illi huwa mizzewweg lil Dorianne Vella kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok A) pero huma sseparati de facto;

Illi mart l-esponenti, cioe Dorianne Vella, kellha zewg ulied tewmin Kristy Vella u Cassidy Vella kif jirrizulta mill-annessi certifikati tat-twelid (Dok B u C), liema minuri pero m’humiex ulied naturali ta’ l-esponent;

Illi, nonostante dan, minhabba l-presunzjoni tal-ligi fl-artikolu 67 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta’ Malta dawn gew registrati mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku bhala ulied naturali ta’ l-esponent;

Illi l-esponent ma setax legalment jipprocedi sabiex jigi dikjarat illi dawn it-tfal minuri ma kienux tfal naturali tieghu minhabba li kien skada t-terminu ta’ sitt xhur kontemplat fl-artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi minhabba f’dan, omm l-esponent, Grace Vella, kienet ipprocediet b’kawza hi taht l-artikolu 77 tal-Kap 16 u dan bhala persuna interessata, liema kawza ggib ic-citazzjoni numru 1395/02 RCP;

Illi din l-kawza giet deciza u t-talbiet attrici gew michuda. Kopja tas-sentenza qed tigi annessa u mmarkata Dok D;

Illi fil-mori tal-kawza gie nominat il-perit xjentifiku Chris Farrugia biex jezamina d-DNA tal-persuni koncernati biex tigi stabbilita l-paternita. Minn dan ir-rapport irrizulta minghajr dubju u b’mod xjentifiku illi t-tfal in kwisjtioni m’humiex ulied naturali ta’ l-esponent. Kopja ta’ dan ir-rapport qed jigi anness bhala Dok E u E1;

Illi pero f’dik il-kawza ma setax jigi ppruvat illi fiz-zmien ta’ bejn it-tlitt mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata mid-data tat-twelid tal-minuri imsemmija kien fl-imposibilta fizika li jghammar ma’ martu stante li kienu qed jghixu fl-istess pajjiz;

Illi minhabba f’dan, fis-sentenza relattiva fil-kawza citazzjoni numru 1395/02 RCP, l-Qorti Civili (Sezzjoni

Familja) ddikjarat illi hija ghandha idejha marbutin minhabba sentenzi ricenti tal-Qorti ta' l-Appell u kkummentat ukoll illi hemm htiega ta' introduzzjoni ta' regoli legislattivi dwar it-tehid ta' samples ta' DNA;

Illi fil-frattemp hemm in vigore, fil-konfront ta' l-esponent, digriet ta' manteniment fejn l-esponent huwa obbligat ihallas manteniment ghal tfal li mhumiex tieghu. Skond id-digriet, il-kopja tieghu qed jigi anness bhala Dok F, l-esponent qieghed jissomministra nofs l-ghajnuna socjali li qed jircievi bhala manteniment;

Illi l-fatt illi l-ligi ta' Malta ma tipprovdix rimedju sabiex jottjeni dikjarazzjoni li l-ulied Kristy Vella u Cassidy Vella m'humiex ulied naturali tieghu u jitlob korrezzjoni relattiva fl-att tat-twelid jilledi d-drittijiet fundamentali ta' l-esponent fosthom l-artikoli 6(1), 8 u 14 mehud flimkien ma' l-artikoli 6(1) u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi inoltre ricentement inghatat sentenza mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet *Mizzi vs Malta* fejn gie dikjarat bl-aktar mod car illi l-ligi kif inhi tikser id-drittijiet fundamentali hawn fuq indikati proprju minhabba r-ragunijiet li qed jilmenta ruhu minnhom l-esponent. Kopja ta' din is-sentenza qed tigi annessa u mmarkata Dok G;

Ghalhekk ir-rikorrenti talab li:-

i) jigi dikjarat li, minhabba illi l-fatt illi l-ligi ta' Malta ma tippovdix rimedju sabiex l-esponent jottjeni dikjarazzjoni li l-minuri Kristy Vella u Cassidy Vella m' humiex ulied naturali tieghu u minhabba illi lanqas ma tipprovdi biex l-esponent jitlob korrezzjoni relattiva fl-att tat-twelid jilledi d-drittijiet fundamentali tieghu fosthom artikolu 6(1), 8, u l-artikolu 14 mehud flimkien ma' l-artikoli 6(1) u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

ii) li jinghataw dawk ir-rimedji li l-Qorti jidhrilha xierqa ghat-twettieq ta' dawn id-drittijiet fondamentali fuq imsemmija, fosthom li tordna lill-intimat Direttu tar-Registru Pubbliku

jikkoregi l-att tat-twelid tal-minuri Kristy Vella u Cassidy Vella fis-sens illi f'dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta' missier it-tarbija, fejn hemm miktub isem u kunjom missier it-tarbija, l-isem "John Vella" jigi sostitwit b' "missier mhux maghruf" u jitnehhew id-dettalji l-ohra kollha relattivi ghall-esponent;.

iii) li jigi ffissat kumpens dovut lill-esponent minhabba dan il-ksur ta' drittijiet tieghu hawn fuq indikati, liema kumpens ghandu jinkludi l-manteniment li l-esponent gie kostrett ihallas inutilment ghal dawn it-tfal li m'humiex tieghu u dan kollu taht dawk il-provedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat ir-risposta tal-intimati fejn gie sottomess:-

Illi t-talbiet dedotti fir-rikors huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti motivi:

Illi jirrizulta b'mod car mill-atti tal-kawza (Citazzjoni numru 1395/2002 RCP) fl-ismijiet *"Grace Vella vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"* illi r-rikorrent John Vella f'dik il-kawza kien konvenut kien kontumaci u ghal din ir-raguni ma jistax jilmenta illi ma nghatax smiegh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali; lanqas ma jirrizulta illi kellu xi indhil minn awtorita' pubblika dwar l-esercizzju tad-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu u wisq inqas ma jirrizulta li saret xi diskriminazzjoni fil-konfront tieghu fit-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni stante illi jirrizulta b'mod manifest li l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) waslet ghall-konluzzjoni taghha wara li gharblet il-provi kollha tal-kaz, inkluz dawk tar-rikorrent odjern u ddecidiet ai termini tar-rekwiziti tal-ligi u tal-gustizzja;

Illi kien r-rikorrent stess John Vella li mar jaghmel in-notifikazzjoni tat-twelid tat-trabi tewmin u iffirma bhala missier il-minuri koncernati u l-Artikolu 69 tal-Kap 16 jistipula li r-ragel ma jistax jichad li jaghraf bhala uliedu lit-tfal imwieldin matul iz-zwieg qabel ma jkunu ghaddew mija u tmenin gurnata wara z-zwieg jekk hu kien jaf bit-

tqala minn qabel iz-zwieg u fil-fatt jirrizulta illi anke kien imur ghand it-tabib ma' l-omm tat-trabi Dorianne Vella u gharaf lilu nnifsu bhala missier it-tfal. Inoltre, jirrizulta b'mod manifest mill-provi migjuba quddiem l-Onorabbli Qorti, (Sezzjoni tal-Familja) li l-omm ta' l-imsemmija tewmin insistiet illi l-minuri huma wlied naturali tar-rikorrent; li r-rikorrent kellu relazzjoni ma' l-omm tal-minuri qabel iz-zwieg u kien hemm anke relazzjoni intima bejn il-koppja u li Dorianne Vella harget tqila u sussegwentement ir-rikorrent u Dorianne Vella ghamlu l-preparamenti biex jizzewgu u fil fatt dan iz-zwieg gie celebrat meta Dorianne Vella kellha sitt xhur tqala;

Illi jirrizulta ukoll li r-rikorrent qatt ma cahad li t-tewmin kienu wliedu u johrog b' mod konkret mill-provi prodotti mill-partijiet fil-kawza imsemmija li l-minuri kienu dejjem maghrufa mit-twelid taghhom bhala ulied r-rikorrent u ghalhekk ma kienx hemm dubju li kellhom stat ta' tfal legittimi ai termini tal-ligi stante illi kienu jezistu l-elementi kollha ta' l-Artikolu 81 tal-Kap 16;

Inoltre, jirrizulta wkoll illi meta l-koppja sseparat *de facto* r-rikorrent talab lill-Qorti sabiex jara lill-minuri li huwa stess kien jikkunsidra bhala uliedu u kien biss sussegwentement wara li gie ordnat li jhallas manteniment ghall-istess minuri li huwa beda jinsisti li ghandhom isiru t-testijiet xjentifici fuq il-minuri;.

Illi r-rikorrent kellu l-fakulta li jintavola l-azzjoni ta' *denegata paternita* fit-termini stipulati tal-ligi pero ghazel li jipprocedi b'dan ir-rikors kostituzzjonali wara li l-Onorabbli Qorti, ordnatlu li jhallas il-manteniment lill-minuri, sussegwentement ghat-talba tieghu biex jara lill-istess minuri wara li l-koppja sseparat de facto u wara li l-Onorabbli Qorti, (Sezzjoni tal-Familja) cahdet it-talba ta' omm ir-rikorrent Grace Vella li intavolat l-azzjoni ai termini ta' l-Artikolu 77 tal-Kap 16 stante illi l-kundizzjoni specifikata f'dan l-istess artikolu li trid tigi ppruvata l-impossibilita fisika tal-partijiet ma gietx ippruvata;

Illi r-rikorrent qed jippretendi li permezz ta' dan ir-rikors jisvija minn dak li hemm stipulat fil-ligi u dana a skapitu ta'

l-interessi tal-minuri in kwistjoni li kienu gja akkwistaw l-istat ta' legittimita' ai termini tal-Kap 16;

Illi d-decizjoni tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet *"Maurice Mizzi vs Malta"* ikkwotata mir-rikorrent ma ddecidietx illi *"l-ligi kif inhi tikser id-drittijiet fundamentali"* izda kkonkludiet illi l-ligi kif kienet formulata qabel ma giet emendata fis-sena 1993 u cioe meta l-applikant Mizzi intavola l-proceduri gudizzjarji cahdet lil Mizzi minn dritt ta' azzjoni. Inoltre, il-kaz ta' Mizzi kien jittratta dwar sitwazzjoni fejn ir-ragel allegatament tradut qatt ma seta legalment jevita r-relazzjoni familjari ma' wild il-mara tieghu mentri f' dan il-kaz ir-rikorrent assuma l-paternita' ta' l-ulied volonotarjament meta ghazel li jizzewweg mara li kien jaf li kienet tqila minn qabel iz-zwieg;

Ghaldaqstant, l-intimati talbu li t-talbiet dedotti fir-rikors jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrent stante illi ma hemm l-ebda ksur ta' l-artikolu 6(1) u l-Artikoli 8 u 14 mehudin flimkien ma' l-Artikoli 6(1) u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u stante illi jirrizulta b'mod car illi r-rikorrent ma ottemperax ruhu mar-rimedji ordinarji fit-termini stipulati mill-ligi li qeghdin hemm biex jissalvagwardjaw l-interessi tal-minuri li ghandhom ukoll id-drittijiet fundamentali taghhom;

Rat l-imsemmija sentenza tal-28 ta' Frar 2006 fl-ismijiet "Grace Vella vs Direttur tar-Registru Pubbliku et" (citazzjoni numru 1395/02 RCP) u l-atti kollha tal-istess kawza, liema atti gew allegati mal-presenti procedura;

Rat is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat12 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet "Case of Mizzi (Maurice) vs Malta" (application number 26111/02);

Rat l-affidavit tar-rikorrenti;

Semghet ix-xhud prodott mir-rikorrenti;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-intimati;

Rat il-verbal tas-seduita tal-15 ta’ Jannar 2007 fejn ix-xhud Dorianne Vella (iktar tard din ix-xhud giet kjamata fil-kawza) iddikjarat li hi lesta li tissottometti lilha nnifisha u lit-tfal taghha Kristy u Cassidy Vella ghat-testijiet tad-DNA sabiex jigi stabbilit jekk ir-rikorrenti John Vella huwiex il-missier naturali tal-istess zewg tewmin u inoltre l-istess rikorrenti ddikjara li hu lest li jghamel l-istess testijiet. In vista ta’ dawn id-dikjarazzjonijiet il-Qorti b’digriet tal-istess gurnata innominat bhala espert mediku lill Dr. Josie Muscat sabiex jghamel l-imsemmija esamijiet sabiex jigi stabbilit jekk ir-rikorrenti huwiex il-missier naturali tal-imsemmija tewmin u dana bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ Frar 2007 li bih giet kjamata fil-kawza Dorianne Vella li tigi omm it-tewmin in kwestjoni;

Rat li l-kjamata fil-kawza, debitment notifikata, naqset li tippresenta r-risposta taghha;

Rat li l-istess kjamata fil-kawza naqset li toqod ghall-imsemmija esamijiet tad-DNA u naqset ukoll li tissottometti lit-tewmin in kwestjoni ghall-istess esamijiet;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti;

Rat in-nota responsiva tal-intmati;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza;

Ikkonsidrat:

**Fatti rizultanti**

Jirrizulta li r-rikorrenti zzewweg lil kjamata fil-kawza Dorianne Vella fid-9 ta’ Settembru 2000. Fill-26 ta’ Settembru l-kjamata fil-kawza wieldet zewg tewmin ta’ sess femminili li nghataw l-isem ta’ Kirsty u Cassidy. Skond ic-certifikat tat-twelid relattiv ir-rikorrenti hu indikat bhala l-missier tal-imsemmija tewmin. Illum il-konjugi Vella huma separati “de facto” u r-rikorrenti gie kundannat mill-

Qorti kompetenti sabiex ihallas manteniment ghall-imsemmija tewmin;

## Ir-rikors promotur

Fir-rikors promotur ir-rikorrenti jsostni li huwa mhux il-missier naturali tal-istess tewmin. Jippremetti ukoll li hu gie registrat bhala l-missier in vista tal-presunzjoni legali li r-ragel tal-omm hu l-missier tat-tarbija li tkun twieldet fiz-zwieg. Huwa jippremetti ukoll li legalment ma setax jipprocedi sabiex jigi dikjarat illi t-tewmin ma kienux tfal naturali tieghu peress li kien lehaq skada t-terminu ta’ sitt xhur li trid il-ligi sabiex issir tali azzjoni. Gie premess ukoll li omm ir-rikorrenti pprocediet b’kawza sabiex, fost affarijiet ohra jigi dikjarat li r-rikorrenti ma kienx il-missier naturali tat-tewmin. Din it-talba pero’ giet michuda mill-Qorti kompetenti. Fil-mori tal-kawza kien gie nominat espert biex jezamina d-DNA ta’ dawk kollha koncernati u l-istess espert ikkonkluda billi eskluda li l-imsemmija tewmin huma ulied naturali tar-rikorrenti;

Ir-rikorrenti jsostni li l-fatt li m’ghandux il-possibilita’ li legalment jottjeni dikjarazzjoni li l-imsemmija tewmin mhux uliedu naturali, u dana bil-konsegwenzi kollha ta’ tali dikjarazzjoni, hu lesiv tad-drittijiet fundamentali tieghu kif sanciti fl-artikoli 6(1), 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta). Ir-rikorrenti ghamel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet “Mizzi vs Malta.” Ghalhekk ir-rikorrenti talab li jigi dikjarat li d-drittijiet fundamentali tieghu gew lesi. Inoltre qed jitlob li jinghataw dawk ir-rimedji kollha xierqa sabiex jitwettqu l-imsemmija drittijiet fondamentali tieghu. Qed jitlob ukoll li huwa jinghata kumpens minhabba ksur tal-imsemmija drittijiet tieghu, liema kumpens ghandu jinkludi l-manteniment li huwa gie kostrett ihallas inutilment;

## Risposta tal-intimati

L-intimati rrispondew li fl-imsemmija citazzjoni numru 1395/2002 RCP ir-rikorrent, li kien imharrek bhala konvenut, baqa kontumaci u ghalhek ma jistax jilmenta li

ma nghatax smiegh imparzjali u pubbliku. Lanqas ma kien hemm xi indhil minn awtorita' pubblika dwar l-esercizzju tad-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u ma saret l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tieghu fit-tgawdija tal-imsemmija drittijiet. L-intimati ikomplu jissottomettu li kien l-istess rikorrenti li ghamel in-notifikazzjoni tat-twelid tat-tewmin u iffirma bhala missierhom. Il-ligi tipprovdi li r-ragel ma jistax ma jaghrafx bhala uliedu lit-tfal imwieldin ftit granet wara iz-zwieg jekk hu kien jaf bit-tqala minn qabel iz-zwieg. Hawnhekk jirrizulta li r-rikorrenti kien imur ghand it-tabib ma' l-omm tat-trabi u inoltre gharaf lilu nnifsu bhala missier it-tfal.  Inoltre l-kjamata fil-kawza tinsisti li l-minuri huma wlied naturali tar-rikorrent u li r-rikorrent kellu relazzjoni intima maghha qabel iz-zwieg. Inoltre meta l-koppja sseparat *de facto* r-rikorrent talab sabiex jara lill-minuri u kien biss wara li r-rikorrenti gie ordnat ihallas il-manteniment li huwa beda jinsisti biex isiru t-testijiet fuq il-minuri;

Skond l-intimati d-decizjoni tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet “Maurice Mizzi vs Malta” kienet ikkonkludiet li l-ligi kif kienet qabel ma giet emendata fil-1993 kienet cahdet lil Mizzi minn dritt ta' azzjoni. Inoltre l-fatti f'dak il-kaz huma differenti mill-fatti mertu ta' dawn il-proceduri. Skond l-intimati hu car li r-rikorrent ma ottemperax ruhu mar-rimedji ordinarji fit-termini stipulati mill-ligi. Dawn il-proveimenti jissalvagwardjaw l-interessi tal-minuri li ghandhom ukoll id-drittijiet fundamentali taghhom;

**Affidavit tar-rikorrenti**

In effett jirrizulta li r-rikorrenti stess mar jghamel id-dikjarazzjoni tat-twelid ghar-rigward taz-zewg tewmin. Huwa ffirma din id-dikjarazzjoni fejn indika li kien il-missier tat-tewmin. In effett dan il-fatt hu konfermat mill-istess rikorrenti, li inoltre qal li martu, cioe' l-kjamata fil-kawza, waqt li kienet tohrog mieghu u qabel iz-zwieg taghhom, kienet spariet ghal xi gimgha peress li kienet qed tghix ma zewg prigunieri li kienu harbu mill-habs. Wara ftit gimghat minn dan l-episodju martu kienet infurmatu li kienet tqila u kienet assiguratu li hu kien il-missier. Ir-rikorrenti qal li

kien jafdha u ghalhekk ma ddubitax minn dak li qaltlu. Huwa qal ukoll li beda jissuspetta dwar it-tfal li ma kienux tiehu wara li zzewgu u meta nqala l-inkwiet bejithom u ma baqghux jghixu flimkien. Minhabba dawn id-dubju ried jghamel verifiki dwar il-paternita’ tat-tewmin;

**Esamijiet tad-DNA**

Fil-kors tal-imsemmija proceduri li kienet istitwit omm ir-rikorrenti kienu saru esamijiet u testijiet xjentifici tad-DNA u gie kategorikament eskluz li r-rikorrenti John Vella kien il-missier tat-tewmin. Il-kjamata fil-kawza xehedet f’dawn il-proceduri u qalet li kienet taf bl-imsemmija rizultati tat-testijiet li kienu saru pero’ xorta wahda insistiet li r-rikorrenti kien il-missier naturali tat-tewmin Kristy u Cassidy. Hi kkonfermat ukoll li ma kella ebda relazzjoni ma xi hadd iehor sabiex seta’ kella l-istess tewmin;

In vista tal-imsemmija xhieda tal-kjamata fil-kawza din il-Qorti nnominat espert mediku sabiex jghamel dawk it-testijiet u esaminjiet kollha necessarji sabiex jigi stabbilit jekk ir-rikorrenti huwiex l-missier naturali tat-tewmin in kwestjoni. Il-kjamata fil-kawza naset li tissottometti ruhha ghal dawn l-esanijiet u naqset ukoll li tippresenta liz-zewg tewmin sabiex joqodu ghall-istess esamijiet. Jidher ukoll li l-istess kjamata fil-kawza kienet infurmata bl-appuntament sabiex isiru l-istess esamijiet u hi naqset li tattendi filwaqt li r-rikorrenti kien presenti u dam jistenna ghal aktar minn siegha;

L-artikolu 70(3) tal-Kapitolu 16 jipprovdi li fi proceduri ta “denegata paternita’” il-Qorti tista tahtar esperti biex jghamlu l-esamijiet kollha mehtiega sabiex tigi stabbilita kull prova gentika, li tista tkun rilevanti ghar-rigward ta’ kull minn jista jkun involut fil-kaz. L-istess artikolu jghati l-fakolta’ lill-qorti li tasal ghal kull konkluzjoni gustifikata jekk xi parti ma tkunx trid taghmel dawk l-esamijiet;

F’dan il-kaz jirrizulta li l-kjamata fil-kawza irrijutat li tmur biex toqod ghal dawn l-esamijiet u rrifjutat ukoll li uliedha, z-zewg tewmin in kwestjoni, joqodu ghall-istess testijiet, u dan nonostante li kienet iddikjarat, fl-atti ta’dawn il-

proceduri, li riedet li jsiru dawn it-testijiet. Inoltre espert nominat minn Qorti kompetenti kien ghamel dawn l-esamijiet ghar-rigward tar-rikorrent, l-kjamata fil-kawza u t-tewmin in kwestjoni u gie stabbilit li r-rikorrenti zgur li ma kienx missier l-istess tewmin. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss li hi gustifikata li tikkonkludi bhala fatt li jirrizulta li r-rikorrenti mhux il-missier naturali tal-minuri in kwestjoni;

**L-ilmenti tar-rikorrenti**

Jirrizulta ukoll minn dak li qal ir-rikorrenti fl-affidavit tieghu li huwa beda ikollu dubji dwar il-paternita' tat-tewmin meta nqala l-inkwiet fiz-zwieg tieghu mal-kjamata fil-kawza u cioe' meta kien gia ghadda t-terminu li fih seta, skond il-ligi, jipprocedi bl-azzjoni tad-"denegata paternita'." Difatti l-artikolu 73 tal-kap16 jipprovdi li r-ragel jista jghamel kawza sabiex jichad li jaghraf tifel bhala ibnu, izda tali azzjoni trid issir fi zmien sitt xhur mit-twelid jekk fl-istess zmien huwa kien qieghed hawn Malta. Ghalhekk ir-rikorrenti jilmenta li ma ghandu l-ebda mezz legali ghad-disposizzjoni tieghu sabiex jikseb dikjarazzjoni li huwa mhux il-missier naturali tat-tewmin in kwestjoni. Skond ir-rikorrenti dan hu lesiv tad-drittijiet fundamentali tieghu kif sanciti fl-artikoli 6(1), 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u cioe' l-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-artikolu 6(1) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi, fost affarijiet ohra, li fi kwestjonijiet ta' natura civili kullhadd ghandu d-dritt li jkollu smiegh xieraq u pubbliku, fi zmien ragjonevoli, quddiem tribunal li jkun indipendenti u imparzjali u li jkun mwaqqaf b'ligi. L-artikolu 8 tal-istess Kapitolu jissalvagwardja d-dritt ta' kull persuna ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu. Jipprovdi, inoltre, li l-ebda awtorita' pubblika ma tista tindahal jew tfixkel dan l-esercizzju tad-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tal-individwu bl-eccezzjoni ta' dawk il-kazijiet li trid il-ligi u li huma necessarji f'socjeta demokratika. L-artikolu 14 jipprotegi id-dritt ghat-tgawdija tal-imsemmija drittijiet minnghajr diskriminazzjoni fil-konfront tal-individwu fuq kwalunkwe bazi inkluz is-sess, razza, kulur tal-gilda, lingwa, religjon, politika jew kull

opinjoni ohra. Dawn huma d-drittijiet li r-rikorrenti jippretendi li gew lesi fil-konfront tieghu minhabba il-fatt li, skond il-ligi nostrana, huwa m'ghandux dritt ta' azzjoni biex jigi rikonoxxut lilu li hu mhux il-missier naturali tal-imsemmija minuri;

Ghar-rigward tal-imsemmija pretensjonijiet tieghu r-rikorrenti jghamel referenza ghall-imsemmija decizjoni tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza fl-ismijiet ta' "Maurice Mizzi vs Malta." Il-Qorti esaminat bir-reqaa din is-sentenza u hu l-kaz li jsir accenn ghal xi passaggi fl-istess sentenza. Inoltre l-lanjanzi tar-rikorrenti huma bbazati fuq l-istess artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea li gew trattati fl-imsemmija kawza deciza mill-Qorti Ewropea;

Mhux korretta s-sottomissjoni tal-intimati li l-fatti in esami f'din il-kawza huma totalment differenti mill-fatti li taw lok ghall-imsemmija sentenza tal-Qorti Ewropea. Fil-verita' l-fatti in esami huma sostanzjalment simili ghall-fatti tal-kawza quddiem il-Qorti Ewropea, bl-eccezzjoni ovvja ta' xi differenzi zghar ghal dak li jirrigwarda xi dettalji, li pero', ma jbiddlu xejn minn dak li hu s-sutanza tal-kwestjoni fiz-zewg proceduri. Inoltre ma sarux emendi jew alterazzjonijiet drastici fl-imsemmija artikoli 70 u 73 tal-Kapitolu 16 bil-ligi tal-1993. In effett id-differenzi principali kienu li tbiddlu xi kondizzjonijiet sabiex tista issir il-kawza in kwestjoni u saret differenza fit-terminu li fih trid issir il-kawza u cioe' minn tlett (3) xhur dan it-terminu gie estiz ghall-sitt (6) xhur mit-twelid tat-tarbija. Xorta wahda jekk jiskadi l-imsemmi terminu, r-rikorrenti m'ghandux azzjoni skond il-ligi biex ma jibqax jidher fuq dokumenti ufficjali bhala l-missier tat-trabi in kwestjoni, u dana anke jekk gie stabbilit xjentifikament li hu mhux il-missier wara li jkun skada l-imsemmi terminu.

Hu minnu, u dan hu importanti, li l-ligi trid tipprotegi l-istatus ta' legittimita' ghar-rigward tat-trabi in kwestjoni. Pero' hu daqstant importanti li jekk jigi stabbilit xjentifikament li l-rikorrenti zgur li mhux il-missier tal-istess trabi, kif gara f'dan il-kaz, l-istess rikorrenti ghandu ikollu azzjoni, jekk irid jaghmel uzu minn tali azzjoni, sabiex jigi

dikjarat li hu mhux il-missier biologiku. Il-paternita' m'ghandix tiddependi biss fuq presunzjoni legali izda ghandha tkun stabbilita, fejn hemm id-dubju, a bazi ta' esamijiet xjentifici li illum huma akkuaratissimi. Inoltre ghandu jigi ukoll ikkonsidrat li l-ulied, skond il-ligi, ghandhom certu drittijiet fil-konfront tal-genituri taghhom. Fost dawn id-drittijiet hemm id-dritt tal-manteniment sakhemm jkun ghadhom minuri u d-dritt tal-wirt anke jekk biss il-legittima;

**L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni**

Dwar l-applikabilita' tal-imsemmi artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni l-Qorti Ewropea, fl-imsemmija sentenza taghha, qalet li hu stabbilit li l-kwestjoni ghandha tkun "genuine and serious; it may relate not only to the actual existence of a right but also to its scope and the manner of its exercise.";

Fil-presenti proceduri ma jistax jinghad li l-ligi taghna ma tghatix access lir-ragel ta' omm it-tarbija li jghamel azzjoni biex jichad il-paternita' tieghu ghar-rigward ta' tarbija li twieldet waqt iz-zwieg. Hemm, pero', certi kondizzjonijiet, fosthom l-imsemmi terminu impost mill-istess ligi. Ghandu jinghad, pero', li in vista tal-prova xjentifika li saret fi proceduri ohra u in vista tal-konkluzjoni gustifikata ta' din il-Qorti li r-rikorrenti mhux il-missier biologiku tat-trabi in kwestjoni, ma jistax jinghad li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti mhux serji jew li huma neqsin minn sustanza. Ghalhekk il-pretensjonijiet tar-rikorrenti kienu jimmeritaw li jigu trattati minn Qorti mwaqqfa b'ligi. Ghalhekk ukoll il-kwestjoni in esami hi wahda genwina u serja u konsegwentement l-artikolu 6(1) hu applikabbli ghal dan il-kaz;

Inoltre l-imsemmija qorti Ewropea irrimarkat li "it should be borne in mind that, in order for the right of access to be effective, an individual must have a clear and practical opportunity to challenge an act interfering with his rights." Fil-kaz in esamil ir-rikorrenti gie mcahhad minn tali opportunita' minhabba li kien lehaq ghadda z-zmien li trid il-ligi biex jghamel l-azzjoni rilevanti. Kwindi kien hemm impediment legali li jzomm lir-rikorrenti milli jghamel il-

kawza. Ghar-rigward tal-imsemmi terminu impost mill-ligi l-Qorti Ewropea qalet – “Therefore, the interference complained of (l-imsemmi terminu) has put an excessive burden on the applicant, thus failing to strike a fair balance between the latter’s legitimate interest of having a judicial ruling over his presumed paternity and the protection of the legal certainty and of the interests of the other persons involved in his case.”;

In vista ta dan kollu tirrizulta li hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif garanmtiti mill-artikou 6(1) tal-Konvenzjoni;

**L-artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni**

Dwar l-allegat ksur tal-provedimenti tal-artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni, il-Qorti Ewropea, dejjem fl-imsemmija sentenza taaghha irriteniet – “the essential object of article 8 is to protect the individual against arbitrary action by public authorities. There may in addition be positive obligations inherent in ensuring effective ‘respect’ for private or family life. These obligations may involve the adoption of measures designed to secure respect for private life even in the sphere of the relations of individuals between themselves.” Ghandu jkun hemm bilanc bejn l-interessi tal-komunita’ u dawk tac-cittadin individwali;

Fl-opinjoni tal-Qorti, fil-presenti proceduri, kemm il-ligi kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti ma ghadux ghall-obbligazzjonijiet taghhom li johorgu mill-istess artikolu in esami. Ir-rikorrenti kien prekluz mill-ligi li jghamel l-azzjoni minnhabba t-terminu impost mill-istess ligi u ma kien hemm ebda mod kif dan it-terminu setgha jigi evitat;

Inoltre omm ir-rikorrenti, bhala persuna interessata, ppresentat citazzjoni (13905/02) quddiem il-Qorti kompetenti ai termini tal-artikolu 77 tal-Kapitolu 16 u dan bhala persuna interessata sabiex, fost affarijiet ohra, jigi dikjarat li binha (ir-rikorrent) ma kienx il-missier naturali tat-tewmin in kwestjoni. Kien appuntu f’dawn il-proceduri li gie nominat espert li stabilixxa b’certezza li rikorrenti ma

kienx il-missier biologiku tal-istess tewmin. Nonostante dan pero' l-imsemmija talba giet michuda u dan peress li ma setghax jigi pruvat li r-rikorrenti kien fl-impossibilita' li ma jghix mal-omm tat-trabi ghan-numru ta' granet li trid il-ligi, u cioe' bejn it-tlitt mitt u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-trabi in kwestjoni. Skond il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea sitwazzjoni, li timplika li presunzjoni legali tista jkollha s-sopravent fuq ir-realta' biologika u xjentifika, mhux dejjem hi kompatibbli mal-obbligu li jigi assikurat rispett effettiv tal-hajja privata u tal-familja tal-individwu. Ghalhekk, fil-kaz in esami, m'hemmx l-imsemmi bilanc bejn l-esigenzi tal-individwu li jirribatti l-imsemmija presunzjoni legali u dawk tas-socjeta in generali li jkun hemm certezza tad-dritt kwantu ghar-relazzjonijiet familjari. Ghalhekk tirrizulta vjolazzjoni tal-provedimenti tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrenti;

**L-artikolu 14 tal-Konvenzjoni mehud flimkien ma l-imsemmija artikoli 6(1) u 8 tal-istess Konvenzjoni**

Dwar l-allegat ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni in konnessjoni mal-imsemmija artikoli 6(1) u 8 tal-istess Konvenzjoni, l-Qorti Ewropea, fis-sentenza taghha in esami, tikkontendi li – "a difference in treatment is discriminatory for the purposes of article 14 if it 'has no objective and reasonable justification', that is if it does not pursue a 'legitimate aim' or if there is not a 'reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realized.' In this connection, the Court observes that the Convention is a living instrument, to be interpreted in the light of present-day conditions." Jigi notat li l-ligi tghana specifikatament timponi terminu ghal dak li jirrigwarda l-azzjoni tar-ragel ghad-"denegata paternita'." Ma timponi l-ebda terminu specifiku ghar-rigward tal-azzjoni, li tista ssir minn kull minn hu interessat, kontemplata fl-imsemmi artikolu 77 tal-Kapitolu 16. Lanqas ma hemm terminu ghall-azzjoni tal-ulied biex tigi stabbilita l-paternita' fil-konfront taghhom;

Inoltre kif gia gie notat ir-rikorrenti kien impedut milli jghamel l-imsemmija azzjoni minhabba l-imsemmi terminu impost mill-ligi. Inoltre hu beda jkollu dubji dwar il-

paternita' tat-tewmin meta kien gia skada l-istess terminu. Ghalhekk ma jistax jinghad li din id-differenza bejn ir-ragel u dawk kollha li jistghu ikunu interessati hi proporzjonata mal-iskop li jrid jintlahaq. Ghalhekk tirrizulta ukoll lezjoni tal-imsemmi artikolu 14 mehud mal-artikoli 6(1) u 8;

**Rizultanzi legali**

Ghalhekk il-Qorti ssib li kien hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti liema drittijiet huma protetti bl-artikoli 6(1), 8 u 14 in kongunzjoni mal-istess artikoli 6(1) u 8 tal-Konvenzjoni;

**Nota responsiva tal-intimati**

F'dan l-istadju iridu isiru xi rimarki dwar uhud mis-sottomissjonijiet tal-intimati kif kontenuti fin-nota responsiva taghhom. Fl-ewwel lok l-intimati jissottomettu li in vista tal-emendi li saru fit-2008 il-mertu ta' dan ir-rikors hu ezawrit stante li permezz ta' dawn l-emendi illum ir-rikorrent ghandu rimedju ordinarju fis-sens li issa r-rikorrent jista' jaghmel rikors fejn jitlob lill-Qorti kompetenti sabiex taghtih l-awtorizzazzjoni biex jipprocedi ghal kawza ta' "denegata paternita" nonostante li jkun ghadda l-imsemmi terminu ta' sitt (6) xhur. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li dawn il-proceduri gew inizjati zmien qabel ma saret l-imsemmija procedura u ghalhekk zgur li r-rikorrenti ma setax jirrikorri ghal-imsemmija provedimenti kif emendati;

Inoltre l-fatt li r-rikorrenti baqa kontumaci fl-imsemmija proceduri li gew istitwiti minn omm l-istess rikorrenti ma jfisser xejn. Fl-ewwel lok il-kontumacia ghandha dejjem titqies bhala kontestazzjoni u zgur li ma tfissirx ammissjoni. Fit-tieni lok meta jigu esaminati t-talbiet f'dawk il-proceduri, wiehed mill-ewwel jinduna li hu ovvju li r-rikorrenti kien jaqbel mal-istess talbiet u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn li jikkontesta l-istess talbiet. Inoltre dan il-fatt m'ghandu x'jaqsam xejn mal-pretensjoni tar-rikorrenti li gew lesi fil-konfront tieghu d-drittijiet kif protetti mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

Ir-rikorrenti spjega b'mod sodisfacjenti ghaliex mar hu biex jghamel in-notifikazzjoni tat-twelid tal-minuri tewmin u ghaliex iddikjara u iffirma li hu missierhom. Hu jispjega li ghamel hekk ghaliex il-kjamata fil-kawza kienet assikuratu li t-tewmin kienu tfal minn tieghu. Ir-rikorrenti ddikjara li kien ihobbha u kien jafdha lill-kjamata fil-kawza u ghalhekk hu ma kellux diffikulta li jghamel l-imsemmija notifikazzjoni u dikjarazzjoni. Kien zmien wara li twieldu it-tewmin li hu beda jkollu dubji dwar il-paternita' ta-tewmin u f'dak il-hin kien gia ghadda l-imsemmi terminu biex hu jghamel kawza ghad-"denegata paternita'.";

**Rimedji**

Kwantu ghar-rimedju, skond il-ligi, din il-Qorti ghandha l-jedd li tghati kull rimedju li jidhirlha li hu xieraq u gust tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz in esami. Ir-rimedju li hu ekwu u gust, fil-kaz in esami, hu li jigi dikjarat li r-rikorrenti mhux missier l-imsemmija tewmin u dana peress li dan il-fatt jirrizulta sufficjentement pruvat anke f'dawn il-proceduri, u dana bil-konsegwenzi kollha li ggib tali dikjarazzjoni. Dan hu bizzejjed sabiex il-lezjoni, li sofra ir-rikorrenti ghar-rigward tad-drittijiet fundamentali.tieghu, jigu rimedjati. Mhux il-kaz, kif qed jitlob ir-rikorrenti, li jinghata kumpens pekunjarju ulterjuri. Jekk ghandu jinghata kumpens lir-rikorrenti, tali kumpens ghandu jirrelata biss ghal-lezjoni li sofra r-rikorrenti fid-drittijiet tieghu. Kemm hallas ir-rikorrenti bhala manteniment tal-imsemmija tewmin mhux rilevanti ghal finijiet tar-rimedji li ghandhom jinghataw lir-rikorrenti. Hu anqas rilevanti l-fatt, li ghalih jaccenna r-rikorrenti, li mrtu l-kjamata fil-kawza mhux f'posizzjoni li thallas lura dak li r-rikorrenti hallas bhala manteniment ghat-tewmin. Dan semmai hu kreditu civili u, jekk irid ir-rikorrenti, huwa jista jipprocedi civilment ghar-refuzjoni tal-istess ammont;

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi, fl-ewwel lok, tichad l-eccezzjonijiet kollha kif sollevati mill-intimati, u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet tar-

rikorrenti fis-sens li gej u cioe' tiddikjara, ghar-ragunijiet mghotija aktar il-fuq f'din is-sentenza, li gew lesi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u in partikolari dawk id-drittijiet li huma garantiti bl-artikolu 6(1), 8, u 14 mehud flimkien mal-imsemmija artikoli 6(1) u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi l-att tat-twelid relatti ghall-minuri Kristy Vella u Cassidy Vella fis-sens illi f'dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta' missier tal-imsemmija trabi, fejn hemm miktub isem u kunjom missier it-tarbija, l-isem "John Vella" jithassar u jigi sostitwit bil-kliem "missier mhux maghruf" u inoltre jitnehhew minn fuq l-istess certifikati d-dettalji l-ohra kollha relattivi ghar-rikorrenti;

L-ispejjez kollha jithallsu mill-intimati bl-eccezzjoni ta' dawk l-ispejjez konnessi mal-kjamata fil-kawza, liema spejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------